# KIF BDIET U MXIET L-AKKADEMJA TAL-MALTI

G. ZARB ADAMI

Fil-ħarġa ta' *Il-Malti* ta' Diċembru, 1972, beda jidher xi tagħrif dwar kif bdiet u mxiet l-Akkademja tal-Malti (Għ. K. M.); f'dak l-ewwel artiklu jien għamilt appell lil kulħadd biex min ikollu xi tagħrif li jien inkun ħallejt barra, x'aktarx għax ma nkunx nafu, igħidli bih, u jien inżidu ma' tiegħi, biex b'hekk jirnexxilna nimlew il-vojt. F'dik l-istess ħarġa tkellimt fuq l-ewwel statut tal- Għaqda, dak li għadda fis-7 ta' Mejju, 1922, u għedt hekk: "kien ikun interessanti ħafna kieku kellna f'idejna dan l-ewwel statut" għax għalkemm kont naf bih, kópja tiegħu ma kenitx ġiet f'idejja.

Wieġeb għal dak l-appell ir-Rev. Professur Patri Serafin Zarb, O.P. meta fost il-karti tiegħu sab kopja stampata ta' l-istatut u l-ismijiet tal-Membri ta' l-ewwel kumitat, ismijiet il jien kont tajt fil-ħarġa ta' *Il-Malti* li ġa semmejt.

Għalhekk, biex jimtela dak il-vojt ser inġib hawn taħt l-imsemmi statut; dan kien fih xi nuqqasijiet żgħar fl-ortografija, x'aktarx ħtija ta' l-istampa:

Għaqda:
Tal-Kittieba tal-Malti

President Onorarju
L-Onor. Prof. Temi Zammit C.M.G., M.D., D.Litt. (Oxon.)

President:
Il-Kav. Ġużè Muscat-Azzopardi, B.M

Viċi - President
L-Onor. Senatur Mons. P. Galea

Segretarju:
Is-Sur F.S. Caruana 19, Strade Reale, il-Belt.

Kaxxier:
L-onor. Arturo Mifsud. M.L.A. 44e Piazza Paula, Casal Paula.

Membri:
Il-Prof. Mons. C. Psaila — s-Sur Nin Cremona — s-Sur Ġużè Demajo, P.L. — s-Sur Rogantin Cachia — s-Sur Ġużè Micallef — s-Sur Vinċenż Mifsud-Bonnici

L-ISTATUT:

Mgħoddi mil-laqgħa tas-7 ta' Mejju, 1922.

**I. Art.** L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti twaqqfet biex:

a) Tagħżel, taħdem u żżomm ortografija waħda fil-kitba Maltija:
b) Taqbeż għall-jedd li għandu l-ilsien Malti, u turi ġmielu u bżonnu:
c) Ixxerred kemm tista' kotba miktubin skond il-fehma tagħha, kemm il- darba dawn il-kotba ma jkunux kontra r-Reliġjon tagħna.

**II. Art.** L-Għaqda ma tindaħalx f'pulitka, imma taqbeż għall-fehmiet tagħha kif jidhru fl-ewwel Art. ta' dan l-Istatut.

**III. Art** B'imsieħba tilqa' lil dawk kollha li jridu jaħdmu għat-tixrid tal-ilsien Malti.

**IV. Art.** Biex wieħed ġdid jissieħeb fil-Għaqda jiħtieġlu:
a) jitlob li jissieħeb billi jiffirma karta stampata, magħmula għalhekk.
b) li ismu jiġi mressaq, bil-miktub, minn tnejn mill-imseħbin:
c) li jgħaddi minn laqgħa tal-imseħbin.

**V. Art.** Kull wieħed mill-imseħbin iħallas xelin kull tlitt xhur: li bihom jitħallsu l-ispejjeż tal-Għaqda u tixxerred kitba bil-Malti, f'sura ta' kotba jew ta' gażżetti.

**VI. Art.** Kull imsieħeb għandu l-jedd għal kull ma tistampa l-Għaqda (Art. V) jekk ma jkunx lura fil-ħlas aktar minn sitt xhur.

**VII. Art.** Min ma' tul sena, ma jħallas qatt, jista' jkun imneħħi mill-Għaqda.

**VIII. Art.** L-Għaqda tfittex li tgħin ruħha b'offerti ta' flus u beneficċju oħra.

**IX. Art.** Il-flus li l-Għaqda ddaħħal (Art. VII) ikunulha **kapital** għall-istampa ta' opri bil-Malti.

**X. Art.** a) Laqgħat tal-imseħbin isiru kull meta jidhirlu l-President. b) Talba lill-President, iffirmata minn żewġ membri tal-Kumitat u sitt imsieħba oħra għandha ssejjaħ laqgħa tal-imseħbin.

**XI. Art.** a) Laqgħat tal-imseħbin mhux inqas minn darbtejn kull sena, bi **quorum** ta' 15.
b) Kull darba li laqgħa ma ssirx, imħabba n-nuqqas tal-**quorum** it-tieni sejħa ssir b'kull għadd ta' imsieħba.

**XII: Art.** Jista' jitbiddel jew jiżdied artiklu f'dan l-Istatut b'mhux anqas minn tnejn minn kull tlieta tal-voti.

**XIII. Art.** Il-Kumitat ikun mgħaqqad minn: President, Viċi-President, Segretarju, Kaxxier u 7 Membri oħra.
b) Il-President għandu l-**Casting vote,** kull meta jkun hemm l-istess għadd ta' voti favur u kontra.

**XIV. Art.** Jiġi ukoll maħtur President Onorarju.

**XV. Art.** Il-Kumitat ikun maħtur darba kull sena.

**XVI. Art.** a) Il-**quorum** tal-Kumitat ikun ta' 5.
b) Żewġ membri tal-Kumitat għandhom il-jedd isejħu laqgħa tal-Kumitat.

**XVII. Art.** Hu dmir tal-Kumitat:
a) li jaħseb biex timxi sewwa l-Għaqda u jiġi mħares l-Istatut;
b) li jqanqal ħwejjeġ li bihom l-Għaqda ma tibridx u jaħseb biex ikabbar il-fondi (Art. VIII);

c) li joqgħod b'seba' għajnejn li kemm jista' jkun l-imseħbin iżommu l-ortografija minnha magħżula, u għalhekk jaħtar Kummissjoni biex taqra l-kitba kollha bil-Malti u tibgħat (jekk jeħtieġ) twissijiet lill-kittieba jew lill-edituri;

d) li jqassam lill-istampa, kitba maltija tajba;

e) li jaħseb biex isiru taħditiet **(lectures)** fuq l-ortografija tal-Malti.

Stab. Tip. CHRETIEN & Co. 205 Strada Forni Valletta.

Ma' l-Istatut, ir-Rev. Professur kellu wkoll il-karta stampata msemmija fl-Artiklu IV. li riedu jimlew dawk li xtaqu jkunu magħduda bħala mseħbin tal-Għaqda. Din il-karta li wkoll ser tidher hawn taħt tibda hekk: *Biex terġa' tiġi mibgħuta lis-Segretarju.* Bil-jedd kollu wieħed jista' jsaqsi għaliex ittieħed dak il-pass.

Fl-appell imsemmi, fost l-oħrajn, jien għedt ukoll li "milli jidher, fl-1922 saret talba lill-'aderenti' biex igħidu jekk ridux jibqgħu fi ħdan il-Għaqda u jistqarru li jaqblu ma' l-ortografija tagħha: kien hemm min ma qabilx u telaq.

Fil-ħarġa ta' *Il-Malti* ta' Ġunju, 1973 jien imbagħad tennejt li "wkoll fost il-ħbieb kien hemm minn ma qabilx għal kollox u wera l-fehma tiegħu ... kien hemm saħansitra min tbiegħed, jekk ma marx għal kollox fil-kamp tal-għadu". Naħseb li daqshekk hu biżżejjed biex jispjega r-raġuni tal-karta (stqarrija) li reġgħet riedet timtela u tintbagħat lis-Segretarju. Mill-ewwel tletin li kienu wieġbu għas-sejħa ta' F.S. Caruana f' *"Il-Habib* kien hemm min ma qabilx, oħrajn qablu imma ma riedux jidhru, oħrajn imbagħad ma stmerrewx li isimhom jitniżżel fost l-Imseħbin u għalhekk imlew il-karta u bagħtuha. Kienu dawn ta' l-aħħar li daħlu għall-ġlieda qaddisa għall-ħarsien ta' Ilsien Artna.

(Biex terġa tiġi mibgħuta lis-Segretarju)

Jien li hawn taħt ktibt ismi, nitlob li ngħodd ruħi mal imseħbin tal "Għaqda tal Kittieba tal Malti", u għalhekk jiena ngħarraf li ġa qrajt l-Istatut tagħha u li malli nkun imsieħeb f'din l-Għaqda jiena lest biex noqgħod għalih u li fl-ortografija tal-kitba tiegħi bil-Malti, nimxi kif titlob l-Għaqda.

Imseħbin li jressquh:

..........................

.......................... ...........192...

(fejn noqgħod) ..............................

(Għ.K.M. IV Art. a) b).

Nieħu din l-okkażjoni biex f'ismi, u f'isem dawk kollha li jinteressaw ruħhom fl-istorja tal-Akkademja tal-Malti nirringrazzja lir-Rev. Professur għall-għajnuna tiegħu. Il-karti li sil'fni, sofor biż-żmien kien waslu biex jitfarrku; ksejthom bil'plastic' trasparenti, minn wara u minn quddiem u erġajt tajthom lura ill sidhom wara li kkupjathom, biex ikunu jistgħu jaraw għal darb'oħra d-dawl tax-xemx. J'Alla jkun hawn oħrajn li jagħmlu bħall-Professur Zarb.

Dwar il-Lista ta' Kotba li deħret fi "IL-MALTI' ta' Ġunju, 1974, il-kollega tagħna, is-Sur Ġanni Cilia, ġibidli l-attenzjoni li f'paġna 45 taħt "Id-Dipartiment tat-Tagħlim" għandu jidher kif ġej:

1935. **Ġabra ta' Talb u Tagħlim** maqlub għall-Malti minn Mons. G. Darmanin, D.D., minn "A Simple Prayer Book"; Ġanni Cilia ħa ħsieb l-ortografija Maltija. Oxf. Univ. Press.

1935. "X'Nitgħallmu mill-Ġeografija" ta' Cyril Midgley maqlub għall-Malti u b'żjieda dwar Malta u l-Gżejjer Maltin minn Ġanni Cilia. Ediz. A. Wheaton, Exeter.

1935. "L-Artijiet tal-Mediterran" — ta' Cyril Midgley — maqlub għall-Malti minn Ġanni Cilia. Exeter.

1936. "Il-Ġmiel tad-Dinja" — l-istess bħal 'X'Nitgħallmu mill-Ġeografija". Ediz. A. Wheaton, Exeter.

1936. "Ħarsa lejn id-Dinja" ta' Cyril Midgley — maqlub għall-Malti minn Ġanni Cilia. Ediz. A. Wheaton, Exeter.

---

**Errata Corriġe**

*Jisgħobbina li fil-poeżija "Odysseus" ta' J.P. Vassallo (Ġunju 1974) qabeż żball u għalhekk qed inġibu hawn l-ewwel stanza mill-ġdid.*

Għaddew is-snin fuq Ithaca, Ithaca
    Xbajt u għejejt ta' Troja ntenni l-ġrajja;
Inċaqlaq xettru fuq daqsxejn ta' poplu
    Ma' ibni u marti 'l hawn u 'l hemm nitlajja.